**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 10 ta' Lulju, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Christopher Shepherd**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Christopher Shepherd detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 19870G

Akkuzat talli fit-22 t' April, 2020 ghall-habta tal-10:00 ta' filghaxija minn gewwa l-hanut bl-isem ta' Cheese and Cuts sitwata fi Triq tal-Qares il-Mosta kkommetta serq ta' flus kontanti ghad-detriment tad-diretturi tal-

kumpanija B4 u Ramon Buhagiar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin bi ksur tal-Artikoli 263 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkonsidra lil Christopher Shepherd bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 25 t' April, 2020 (esebit a fol. 42 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti waqt l-udjenza ta' nhar il-25 t' April 2020 ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Rat il-Pre-Sentencing Report inserit a fol. 48 tal-atti processwali fejn il-Probation Officer Maria Mifsud irrakkomandat is-segwenti:-

> Ghaldaqstant qed jigi umilment issuggerit lil din l-Onorabbli Qorti li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation u Servizz, skond l-Artikolu 18 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Qed jigi rrakkomandat li l-element tal-Probation tkun ghal tliet snin, filwaqt li l-element ta' xoghol ikun dak ta' 100 siegha u li dan ix-xoghol fil-komunita' jsir skond l-arrangamenti mhejjija mid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole approvati minn din l-Onorabbli Qorti. L-ghan ta' dan huwa li filwaqt li jinghata l-gwida necessarja li ghandha tghinu jzomm 'il boghod mill-hajja kriminali, huwa jaghti kumpens lis-socjeta' bil-ghan li jitghallem li kullhadd jahdem ghal flusu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer fil-Pre-Sentencing Report u li saret referenza ghalihom aktar il-fuq.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 270, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Artikoli

7,11 u 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation u Servizz ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u servizz fil-komunita b' obbligu li jaghmel mitt (100) siegha servizz fil-komunita u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**Magistrat**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**